MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2005

Numru. 606/2000

PULIZIJA
SPETTUR DAVID SALIBA
VS
KEVIN FALZON
NOEL CALLEJA
JOHAN SULTANA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Kevin Falzon, ta’ 21 sena, bin John Mary u Maria Concetta nee’ Cassar, imwieled Pieta’ fit-23 ta’ Mejju 1979 u residenti Blokk 4, Flat 12, Triq id-Deheb Fin, Qormi, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 258979(M), kif ukoll Noel Calleja, ta’ 20 sena, bin Joseph u Lucia nee’ Salerno, imwieled Pieta’ fid-29 ta’ Dicembru 1979 u residenti Binja Sta Venera Blk G, Gustin Street, Sta Venera, u detentur tal-karta tal-identita’ numru 44180(M), u kif ukoll Johan Sultana, ta’ 18-il sena, bin Martin u Teresa nee’ Cassar, imwieled Pieta’ fl-4 ta’ Jannar 1982 u residenti Blk E, Flat

7, Housing Estate, Hamrun, u detentur tal-karta tal-identita' numru 47882(M), akkuzati talli f'dawn il-Gzejjer, f'dawn l-ahhar xhur u propjament fix-xahar ta' Lulju 2000, ikkommettew diversi serq ta' stereos minn diversi karozzi, liema atti gew maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda ai termini tal-Artiklu 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Akkuzati wkoll talli fil-lejl bejn it-12 u t-13 ta' Lulju 2000, gewwa Triq il-Gonna, Swieqi, ikkommettew serq u cioe' CD Player tal-ghamla Pioneer li jiswa' aktar minn mitt lira Maltin (Lm100) izda anqas minn elf lira Maltin (Lm1000), minn karozza bin-numru tar-registrazzjoni LIZ256, u dan ghad-dannu ta' Elizabeth Fenech minn Haz Zebbug, liema serq huwa aggravat bil-mezz, valur, hin u xorta tal-haga misruqa.

Akkuzati wkoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkommettew serq ta' diversi oggetti minn karozza bin-numru tar-registrazzjoni TLC022, li jiswew aktar minn ghaxar liri Maltin (Lm10) ghad-dannu ta' Mary Louise Zarb mis-Swieqi jew ta' terzi persuni, liema serq hu aggravat bil-mezz, hin u xorta tal-haga misruqa.

Akkuzati wkoll talli minn Triq Santu Wistin, San Giljan, fl-istess data, hin u cirkostanzi kkommettew serq ta' stereo tal-ghamla Pioneer li jiswa' aktar minn mitt lira Maltin (Lm100) izda anqas minn elf lira Maltin (Lm1000), minn karozza bin-numru tar-registrazzjoni EAQ526, ghad-dannu ta' Kenneth Aquilina minn tas-Sliema, liema serq hu aggravat bil-mezz, valur, hin u xorta tal-haga misruqa.

Akkuzati wkoll talli minn Triq Ivo Muscat Azzopardi, Swieqi, fl-istess data, hin u cirkostanzi kkommettew serq ta' stereo tal-ghamla Clarion li jiswa' aktar minn mitt lira Maltin (Lm100) izda anqas minn elf lira Maltin (Lm1000) kif ukoll flus kontanti li jammontaw ghal erbghin lira Maltin (Lm40) u oggetti ohra minn karozza bin-numru tar-registrazzjoni AAO257, ghad-dannu ta' Anthony Vella mis-Siggiewi, liema serq hu aggravat bil-mezz, valur, hin u xorta tal-haga misruqa.

Akkuzati wkoll talli minn Triq l-Gharbiel, Swieqi, fl-istess data, hin u cirkostanzi kkommettew serq ta' stereo tal-ghamla Pioneer li jiswa' aktar minn hamsin lira Maltin (Lm50) minn gewwa karozza bin-numru tar-registrazzjoni FAE746, ghad-dannu ta' Manfred Barbara minn B'Kara, liema serq hu aggravat bil-mezz, valur, hin u xorta tal-haga misruqa.

Akkuzati wkoll mid-Dragunara Car Park, San Giljan, fl-istess data, hin u cirkostanzi kkommettew serq ta' stereo tal-ghamla Blaupunkt li jiswa' aktar minn mitt lira Maltin (Lm100) izda anqas minn elf lira Maltin (Lm1000), minn gewwa karozza bin-numru tar-registrazzjoni TFD878, ghad-dannu ta' Annalisa Pace minn B'Bugia, liema serq hu aggravat bil-mezz, valur, hin u xorta tal-haga misruqa.

Akkuzati wkoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkagunaw hsara jew ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, fil-karozzi hawn fuq imsemmija, liema hsarat jiskorru s-somma ta' hames mitt lira Maltin (Lm500), u dan ghad-dannu tas-sidien rispettivi taghhom.

Akkuzati wkoll talli fl-istess zminijiet, data, hin u cirkostanzi f'Malta xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg haddiehor misruqa, liema oggetti gew mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indahlu biex ibieghhuhom jew imexxuhom.

Fl-ahharnett akkuzati Kevin Falzon u Johan Sultana biss, talli jinsabu recidivi b'diversi sentenzi, liema sentenzi huma definittivi u li ma jistghux jigu mhassra, kif ukoll talli kisru l-provediment tal-Artiklu 28(a) u cioe' kkommettew reat waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali a fol 47 u tal-imputati a fol 23-25 sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni tal-imputati a fol 177 ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontra taghhom.

Rat is-sentenza Pulizija vs Kevin Falzon tat-22 ta’ Jannar 1998, a fol 91 tal-process, li fiha Kevin Falzon kien gie kkundannat tmintax-il xahar prigunerija sospizi ghal tlett snin.

Rat id-diversi sentenzi kontra l-imputati Falzon u Sultana (ara sentenzi esebiti a fol 63-99).

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi fuq l-istess ammissjoni taghhom, il-Qorti ssib lill-imputati Falzon u Sultana hatja tal-akkuzi wahda sa tmienja u tal-ghaxar akkuza, waqt illi ssib lill-imputat Noel Calleja hati tal-ewwel sat-tmien akkuza, u tilliberahom mid-disa’ akkuza li hija akkuza sussidjarja ghas-serq; u wara li rat l-Artikli 18, 31, 28(b), 49, 50, 261, 263, 264, 267, 270, 271, 279, 280 u 325 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Artiklu 7u 23 tal-Kap 446, tikkundanna lill-imputat Kevin Falzon ghal perjodu ta’ tlett snin prigunerija fuq l-akkuzi odjerni, filwaqt illi tirrendi operattiva l-perjodu ta’ tmintax-il xahar prigunerija moghtija fis-sentenza tat-22 ta’ Jannar 1998. B’hekk, l-imputat Kevin Falzon huwa kundannat ghal erba’ snin u nofs prigunerija; tikkundanna lil Johan Sultana ghal tlett snin prigunerija, waqt illi ghar-rigward ta’ Noel Calleja, li huwa ‘a first offender’, tqieghdu taht ordni ta’ ‘probation’ ghal perjodu ta’ tlett snin, taht is-sorveljanza ta’ ‘probation officer’ nominat mid-Direttur tal-Probation Services.

Din il-kundanna ta’ prigunerija fil-konfront ta’ l-imputati Falzon u Sultana qieghda tinghata wara li din il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-opportunitajiet ripetuti, kwazi anke b’mod ezagerat, li dawn l-imputati nghataw mill-Qrati Maltin sabiex jirriformaw ruhhom, ezercizzju dan, futili

ghall-ahhar. Bizzejjed jinghad illi s-sentenzi esebiti konsekuttivament jokkupaw minn numru 63 sa 99 tal-process.

Illi in oltre, fl-akkuzi odjerni, u cioe' f'temp ta' jumejn, l-imputati ammettew ghal sitt serqiet apparti l-hsara volontarja. Illi l-Qorti nnutat li fil-mori tal-kawza, l-imputati, (jew ahjar il-genituri taghhom), hallsu ghall-hsara li wettqu. Ghalhekk l-imputati Sultana u Falzon ma jixraqilhom xejn altru minn sentenza ta' prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------